MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 366/2005

**Citadel Insurance p.l.c.**

**vs**

**L.A. Yachts Co. Ltd.**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta’ Frar, 2005 fejn gie mitlub li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mija u tlettax-il lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm113.20) rapprezentanti bilanc minn somma ikbar, tirrapprezenta *premia* dovuti mis-socjeta` konvenuta favur is-socjeta` attrici, fuq poloz ta’ assikurazzjoni mahruga mis-socjeta` attrici favur is-socjeta` konvenuta fuq inkarigu ta’ l-istess socjeta` konvenuta, u dana skond il-kont anness ma’ l-Avviz tat-Talba u mmarkat bhala Dok. A.

Is-socjeta` konvenuta ghalkemm interpellata diversi drabi, anke permezz ta’ ittra ufficjali tal-20 ta’ Awissu, 2004, baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta’ Awissu, 2004, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha kontra s-socjeta` konvenuta.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta` attrici fis-seduta ta’ l-4 ta’ Marzu, 2005, fejn hija cediet is-sorte izda zammet ferm il-kap ta’ l-ispejjes.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-ispejjes ta’ din l-istanza kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-20 ta’ Awissu, 2004.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------